



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2103(DEC)

13.1.2015

EMENDI

1 - 3

Abbozz ta' opinjoni
Sylvie Guillaume
(PE541.393v01-00)

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena
finanzjarja 2013
(2014/2103(DEC))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Barbara Matera

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw ***it-titjib meħtieġ*** fir-rigward tal-ippjanar u ***l-implimentazzjoni baġitarja***;

Emenda

2. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw ***it-titjibiet li għandhom isiru*** fir-rigward tal-ippjanar u ***l-implimentazzjoni tal-baġit, fl-istess ħin josserva li l-iskeda tat-talbiet ta' rifiżjoni tal-kosti relatati mal-Joint Investigation Teams b'sovvenzjoni Eurojust hija fil-maġġoranza tal-każijiet direttament influwenzata min-natura tax-xogħol investigattiv, li mhuwiex dejjem possibbli li jiġi ppjanifikat minn qabel u jista', f'ħafna każijiet, jestendi sa tmiem is-sena.***

Or. it

Emenda 2
Barbara Matera

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

2a. Jenfasizza li l-konklużjoni ta' kuntratt qafas ġdid għal servizzi tal-IT fir-rigward tas-Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet tal-Eurojust (CMS), is-sistema ċentrali li terfa' d-dejta kollha rilevanti għall-attivitajiet operattivi tal-Eurojust, iddeterminat tibdil tal-fornitur tas-servizz preċedenti, minn Unisys għal fornitur ġdid ta' servizzi, Bilbomática. F'dan il-kuntest, jilqa' b'mod favorevoli r-rispett għall-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda li wasslet lill-Eurojust teżamina bir-reqqa l-kwalità tal-applikazzjonijiet ta' softwer furnuti permezz ta' testijiet

Emenda

dettaljati u l-fatturi finali ppreżentati minn Unisys bil-għan li taççerta l-korrettezza qabel ma tikkunsidra li twettaq kwalunkwe pagament.

Or. it

Emenda 3
Tomáš Zdechovský

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata **aktar** attenzjoni **għat-twaqqif** ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-Eurojust, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom din **tkun użat** l-appropriazzjonijiet **tagħha** fit-twettiq tal-kompiti **mogħtija lilha**.

Emenda

4. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata attenzjoni **akbar lill-prinċipju** ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-Eurojust **fir-rigward tal-prinċipju tal-annwalità tal-baġit**, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom din **tuża** l-appropriazzjonijiet fit-**twettaq il-kompiti tagħha**.

Or. en